MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 32/2010

Bank of Valletta p.l.c.
Vs
Dr. Anthony Cutajar LL. D u l-PL Doreen Aquilina Kuraturi Deputati nominati biex jirraprezentaw lis-socjeta' Bonavia Stores Limited (C 10409) skond digriet tat-3 ta' Settembru 2009

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank Attur fejn gie premess:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti datati fis-16 ta' Mejju 1990, fis-6 ta' Gunju 1991, fit-2 ta' Novembru 1995, fl-20 ta' Frar 1997, fl-20 ta' Jannar 2000 u fis-26 ta' Gunju 2001 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri Dok 'A' sa 'F', is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Bonavia Stores Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Bonavia Stores Limited fis-somma ta' seba' mija u sitta u

hamsin elf, mitejn u hdax-il Ewro u sittin centezmu (€ 756,211.60) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” tas-socjeta’ Bonavia Stores Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (dok “G1 sa G3”, “H1 sa H3”, “I1 sa I4”, u “J1 sa J3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-19 t’ Ottubru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument ‘A’ sa ‘F’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Bonavia Stores Limited;

(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti,

(b) kienet inadempjenti f’ obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u / jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ Bonavia Stores Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitur dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Dr. Anthony Cutajar LL.D u l-PL Doreen Aquilina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta’ Bonavia Stores Limited gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fis-16 t’ April 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “K”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Fuq dawn il-premessi l-Bank Attur talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A sa F”) partikolarment imma mhux eseklussivament, billi s-socjeta’ Bonavia Stores Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet

inadempjenti f' obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Bonavia Stores Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmidebitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta' Bonavia Stores Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u hamsin elf, mitejn u hdax-il Ewro u sittin centezmu (€ 756,211.60) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-socjeta' Bonavia Stores Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "G1 sa G3", "H1 sa H3", "I1 sa I4", u "J1 sa J3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 t' Ottubru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi deputati fejn gie sottomess :

1. Illi f' dan l-istadju l-esponenti mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri.

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi deputati tat-2 ta' Frar 2010 u d-dokumenti annessi;

Semghet lix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi deputati prezentata fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010 u dokumenti annessi maghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------